Art 253(1) tal- Kap 16

Korrezzjoni fil kunjom

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 18**
**Rikors Guramentat Numru : 247/2016/LSO**

**Stefan Bonello maghruf bhala Stefan Bonello Ghio (I.D. Nru.: 0138767M) u martu Anna Maria Bonello maghrufa bhala Anna Maria Bonello Ghio (I.D. Nru.: 0463670M) f'isimhom proprju u fil-kapacita' taghhom ta' kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri Sophia Bonello *sive* Bonello Ghio; Mark Bonello maghruf bhala Mark Bonello Ghio (I.D. Nru.: 212195M);**

**Alexia Bonello maghrufa bhala Alexia Bonello Ghio (I.D. Nru.: 93498M); Bettina Bonello maghrufa bhala Bettina Bonello Ghio (I.D. Nru.: 93398M); Rebecca Bonello maghrufa bhala Rebecca Bonello Ghio (I.D. Nru.: 93298M); Luke Bonello maghruf bhala Luke Bonello Ghio (I.D. Nru.: 93598M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi datat 29 ta' Marzu 2016 fejn Stephen Bonello Ghio espona: -

Illi l-attur, Stefan Bonello, maghruf bhala Stefan Bonello Ghio twieled nhar il-21 ta' Marzu 1967, kif jirrizulta mill-att tat-twelid tieghu numru ta' iskrizzjoni elf tliet mija u sebgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u sebgha u sittin (1387/1967) kopja ta' liema qieghed jigi anness u mmarkat DOK A;

Illi l-atturi zzewgu nhar it-8 ta' Mejju tas-sena 1993 kif jidher mill-att taz-zwieg numru ta' iskrizzjoni sitt mija u tlieta tas-

sena elf disa’ mija u tlieta u disghin (603/1993) kopja ta' liema qieghed jigi anness u mmarkat DOK B;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu sitt itfal u cioe` Mark Bonello maghruf bhala Mark Bonello Ghio illi twieled nhar it-12 ta' Mejju tas-sena 1995 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK C), Alexia Bonello maghrufa bhala Alexia Bonello Ghio illi twieldet nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 1998 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK D), Bettina Bonello maghrufa bhala Bettina Bonello Ghio illi twieldet nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 1998 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK E), Rebecca Bonello maghrufa bhala Rebecca Bonello Ghio illi twieldet nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 1998 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK F), Luke Bonello maghruf bhala Luke Bonello Ghio illi twieled nhar it-3 ta' Marzu tas-sena 1998 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK G), u Sofia Chiara Bonello maghrufa bhala Sofia Chiara Bonello Ghio illi twieldet nhar il-31 ta' Lulju tas-sena 2015 (liema att tat-twelid huwa anness u mmarkat DOK H);

Illi l-familja tal-attur kienu konsistentement maghrufa bil-kunjom 'Bonello Ghio' u dana *stante* illi n-nannu patern tal-attur kellu l-kunjom 'Bonello' filwaqt illi n-nanna paterna tieghu kienet kunjomha xebba Ghio u dan kif jidher mill-Att taz-zwieg tan-nanniet tal-attur, Stefan Bonello Ghio, numru tmien mija u tlieta u erbghin tas-sena elf disa’ mija u dsatax (843/1919) kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat DOK I;

Illi l-attur minn dejjem kien maghruf bil-kunjom 'Bonello Ghio' filwaqt illi l-attrici ilha maghrufa bil-kunjom 'Bonello

Ghio' minn mindu zzewgu l-atturi u cioe` mis-sena 1993 u dana fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta tal-identita` taghhom li kopja taghhom hija hawn annessa u mmarkata DOK J u DOK K rispettivament;

Illi kif inghad, il-familja kollha tal-attur hija maghrufa bil-kunjom 'Bonello Ghio', u diga` gew intavolati proceduri simili ghal dik odjerna miz-ziju tal-attur, Guido Bonello Ghio, fis-sentenza Guido Bonello Ghio et vs Direttur tar-Registru Pubbliku (912/96 NA) kopja ta' liema sentenza hija hawn annessa u mmarkata DOK L. Bis-sahha ta' dina l-azzjoni numru ta' membri tal-familja tal-attur kellhom kunjom mibdul b'dana illi *ormai* il-familja rikorrenti hija rregistrata b'mod differenti ghal bqija tal-familja.

Illi l-fatt illi l-kunjom 'Bonello Ghio' li biha l-atturi huma maghrufin u li huwa l-kunjom tal-familja tal-attur ma jikkombacjax mal-kunjom riprodott fl-att tat-twelid (iskrizzjoni nru.: 1387/1967) u fl-att taz-zwieg (iskrizzjoni nru.: 603/1993) u dan qieghed jikkawza inkonvenjent lill-atturi kemm fil-hajja privata taghhom kif ukoll f'dik pubblika kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-atturi jixtiequ jirregolaw il-pozizzjoni taghhom u jeffetwaw t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali taghhom kollha jirreflettu l-kunjom li bih huma maghrufa;

Illi l-ligi ttihom din il-fakulta *a tenur* tal-artiklu 253 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1 Tordna, skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Tordna illi l-att taz-zwieg tal-atturi li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 603/1993 fil-kolonni intestat ‘isem u kunjom ir-ragel’, kunjom ir-ragel jigi ndikat bhala ‘Bonello Ghio’ minflok ‘Bonello’ filwaqt illi fit-tieni lok, fil-kolonna intestata 'genituri tal-mizzewgin', kunjom missier ir-ragel jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

3. Tordna li l-Att tat-Twelid tal-attur, Stefan Bonello, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 1387/1967 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

4. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Mark Bonello maghruf bhala Mark Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 2121/1995, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

5. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Alexia Bonello maghrufa bhala Alexia Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 934/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

6. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Bettina Bonello maghrufa bhala Bettina Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 933/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom

missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

7. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Rebecca Bonello maghruf bhala Rebecca Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 932/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

8. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Luke Bonello maghrufa bhala Luke Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 935/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

9. Tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Sofia Chaira Bonello maghrufa bhala Sofia Chaiara Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 3869/2015, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

10. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Mejju 2016 (fol 137) fejn Dr Byron

Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lilu, tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha r-rikorrenti Stefan Bonello u Anna Maria Bonello gew mahtura bhala kuraturi *ad litem* in rapprezentanza ta' binthom minuri Sophia Bonello skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 781 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess u in linea preliminari wkoll, l-esponent jeccepixxi illi jidher li d-data tat-twelid tar-rikorrent Mark Bonello gie kkwotat b'mod skorett fit-tielet punt tar-rikors in risposta, bhala t-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) filwaqt li mill-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru ta' iskrizzjoni ta' elfejn, mija, wiehed u ghoxrin (2121) tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995) jirrizulta li l-istess rikorrent Mark Bonello fil-fatt twieled fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995). *[Enfasi tal-esponent]* B'hekk huwa essenzjali li r-rikorrenti jitlobu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fit-tielet punt tar-rikors in risposta sabiex tigi riflessa d-data tat-twelid attwali tar-rikorrent Mark Bonello;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jikjarifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qieghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huma qieghdin jorbtu l-proceduri istanti;

5. Illi minghajr hsara ghal fuq espost, mill-mod ta' kif inhuma kostruwiti t-talbiet tar-rikorrenti, jidher li dawn it-talbiet qedin issiru *ai termini* tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jirregola l-htiega ta' korrezzjoni abbazi ta' zball. Illi l-esponent jirrileva li sabiex tintalab korrezzjoni jehtieg li jigi pruvat illi hemm xi zball fic-certifikati in ezami. Illi fil-kaz *de quo* ma jirrizultax illi kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni u *in vista* ta' dan, isegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lil dawn l-atti ta' l-istat civili imsemmija fir-rikors in risposta skont id-dettami ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista' tigi milqugha, *stante* li r-rikorrenti ma jistghux jitlobu ghall-korrezzjoni f'dawn ic-cirkostanzi;

6. Illi bla pregudizzju, l-esponent qieghed jirrileva l-premess, *stante* li l-Atti tat-Twelid ta' qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) ma jipprovdu l-ebda kolonna, intestatura jew spazju ta' l-ebda tip fejn jista' jigi inserit il-kunjom tat-tarbija, minhabba li dak iz-zmien kienet tapplika l-prezunzjoni illi l-ulied imwielda fiz-zwieg kienu jassumu awtomatikament il-

kunjom ta' missierhom *ai termini* ta' Artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi, fil-kaz *de quo,* fuq l-Atti tat-Twelid ta' dawk ir-rikorrenti li twieldu qabel is-sena elfejn u hamsa (2005) u cioe` ta' Stefan Bonello, Mark Bonello, Alexia Bonello, Bettina Bonello, Rebecca Bonello u Luke Bonello, kunjom il-missier tnizzel biss bhala 'Bonello' u mhux 'Bonello Ghio', u b'hekk ir-rikorrenti fuq riferiti assumew awtomatikament dan il-kunjom. Ghaldaqstant ma jirrizultax illi kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parti tar-Registru Pubbliku u ghaldaqshekk dawn it-talbiet ma jregux fuq **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. Illi bla hsara ghas-suespost, fir-rigward tal-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri Sophia Bonello, li twieldet fis-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe` wara is-sena elfejn u hamsa (2005) l-esponent jirrileva li l-genituri tal-minuri li twieldu wara is-sebgha (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) ghandhom l-ghazla li jistghu jziedu kunjom xbubit l-omm wara dak tal-missier, permezz ta' dikjarazzjoni *ai termini* ta' **Artikolu 292A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Liema ghazla ghandha tkun finali meta jimlew din l-imsemmija dikjarazzjoni fil-punt tan-notifika tat-twelid. F'dan il-kaz, kunjom xbubit l-omm tar-rikorrenti minuri Sophia Bonello huwa 'Portelli' u mhux 'Ghio' u ghaldaqstant l-imsemmija minuri setghet tassumi biss il-kunjom 'Portelli' wara dak ta' 'Bonello' u mhux 'Ghio' li jirrizulta li huwa l-kunjom tal-buz nanna taghha. B'hekk ma jirrizultax illi kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parti tar-Registru Pubbliku fl-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri Sophia Bonello u ghaldaqstant id-disa'

talba tar-rikors in risposta lanqas ma tista' tregi fuq **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

8. Illi madanakollu, bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jitlobu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghhom jigu mibdula b'mod li jinkwadraw ruhhom taht il-parametri msemmija **fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan qieghed jigi rilevat *stante* li **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jaghti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f'kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq **l-att tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa **b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor.** *[Enfasi tal-esponent]* Illi l-esponent jirrileva illi fil-kaz *de quo,* r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni taghhom sabiex ibiddlu **l-kunjom taghhom u ta' uliedhom, u mhux isimhom** minn fuq l-Atti tat-twelid rispettivi u anke minn fuq **l-Att taz-Zwieg** taghhom, meta dan is-sub-artikolu (2) huwa **limitat biss ghal bdil fl-ismijiet minn fuq l-atti tat-twelid.** *[Enfasi tal-esponent];*

9. Illi bla hsara ghas-suespost, fir-rigward tal-ghaxar talba tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjonijiet awtorizzati jigu riflessi ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv, japplika biss f' kaz illi l-bdil jsir *ai termini* tal-**Artikolu (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghaldaqstant f'dan il-kaz dan l-artikolu ma japplikax *stante* li t-talbiet tar-rikorrenti ma jregux fuq **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ghall-ragunijiet fuq premessi, u b'hekk din it-talba ghandha tigi michuda. In oltre, ghal kull *buon fini*, f'kaz ta' korrezzjonijiet rikjesti, jkun mehtieg illi

kull zball jigi indikat individwalment u kull korrezzjoni ghandha tigi awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti separatament abbazi **tal-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** *Nonostante*, minghajr hsara ghal-premess, f'kaz illi din l-ghaxar talba tar-rikorrenti tigi milqugha, biex ikun jista' isehh il-bdil f'kull att iehor tal-istat civili, ir-rikorrenti, a tenur **tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghandhom jispecifikaw in-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li huma qeghdin jaghmlu riferenza ghalihom;

10. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent joggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti, abbazi tal-fatt illi z-zieda tal-kunjom rikjest, cioe` 'Ghio' jappartjeni ghan-nanna paterna tar-rikorrent Stefan Bonello, mentri l-uniku kunjom illi r-rikorrent Stefan Bonello ghandu d-dritt illi jzid ma' kunjomu bl-applikazzjoni tal-procedura tal-**'Formola T'** huwa kunjom xbubit ommu u mhux il-kunjom xbubit tan-nanna paterna tieghu;

11. Illi inoltre fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti fuq l-atti tat-twelid relattivi. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li hu vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili *a tenur* ta' **l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** It-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom isiru f'dan ir-rigward;

12. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

13. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti. Dan *stante* ukoll illi qabel ma l-atti rispettivi jghaddu ghar-registrazzjoni, jigu mghoddija lil persuna li tkun ghamlet in-notifika sabiex ticcekja li l-informazzjoni fl-att hija korretta u biex sussegwentament tiffirma, tikkonferma u taccetta l-kontenut ta' l-istess att;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Robert Thake u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Billi Dr Tanti ghadha mhix notifikata bid-dokumenti tal-attur, il-Qorti ordnat lir-rikorrent li jinnotifika lill-intimat fi zmien gimgha minn dan id-digriet, u dan anke bil-mezzi eletronici, u l-intimat ghandu fi zmien ghaxart (10) ijiem jiddikjara b'nota jekk ghandux provi xi jressaq, u anke okkorrendo tipprezenta affidavit tal-intimat. Ir-rikorrent kellu jipprezenta

nota ta' sottomissjonijet fi zmien xahar min-notifika tan-nota tal-intimat, u kellu xahar zmien ghall-prezentata tar-risposta tieghu min-notifika tal-istess nota. Il-kawza giet differita ghall-24 ta'Jannar 2017 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjajrja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fis-6 ta' April 2016 (fol 43) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

It-tielet eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-16 ta' Gunju 2016. Ghalhekk, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrent qed jitlob li l-kunjom "Bonello" jigi sostitwit bil-kunjom "Bonello Ghio" kemm fl-att taz-zwieg tieghu, fl-att tat-twelid tieghu, u fl-att tat-twelid tas-sitt uliedu.

Illi fil-mertu ir-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hu kien konsistentement maghruf bil-kunjom "Bonello Ghio". Ghal dan il-ghan esebixxa kopja tal-karta tal-identita` tieghu u tal-mara tieghu Anna Maria Bonello, fejn huma registrati bil-kunjom "Bonello Ghio".

Inoltre`, r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma bil-gurament li dejjem kien imsejjah u maghruf bhala "Bonello Ghio". Semma li l-genituri tieghu kienu wkoll maghrufa bhala Bonello Ghio esebixxa serje ta' dokumenti fosthom passaport tal-genituri tieghu u karta tal-identita` ta' ommu (fol 49-53), kif ukoll ir-registrazzjoni fir-Registru Elettorali tal-genituri tieghu kienu bil-kunjom 'Bonello Ghio'. *Di piu`* esebixxa serje ta' dokumenti fosthom certifikati edukattivi, dokumenti relatati mal-imjieg teghu, dokumenti bankarji, licenza tas-sewqan, u serje ohra ta' dokumenti, kontijiet, u dokumenti ohra civili (fol 54 *et seq*) fejn ir-referenza hija dejjem bil-kunjom "Bonello Ghio". Ir-rikorrenti Anna Maria Bonello xehdet ukoll permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat li sa mid-data taz-zwieg taghha hija kienet maghrufa bhala 'Bonello Ghio'. Hi esebiet ukoll serje ta' dokumenti ufficjali li kollha jirreferu ghaliha bil-kunjom "Bonello Ghio" (fol 107 *et seq*). Ulied ir-rikorrenti, Mark, Alexia, Bettina, Rebecca, u Luke ukoll xehdu permezz ta' affidavit u anke gew esebiti dokumenti ufficjali u ohrajn skolastici fir-rigward taghhom li jirreferu ghalihom bil-kunjom "Bonello Ghio". *Di piu`*, r-rikorrent, permezz ta' nota, esebixxa, kopja tal-karta tal-identita` l-gdida tieghu (fol 151) fejn hu referut bhala Stefan Bonello Ghio, u serje ta' dokumenti skolastici ta' uliedu wkoll bil-kunjom 'Bonello Ghio' (fol 148 *et seq*).

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li huma konsistentement maghrufa bil-kunjom "Bonello Ghio".

Izda, din il-Qorti trid tezamina, jekk din it-talba hiex gustifikata, anke *in vista* tal-gurisprudenza nostrana fuq din

il-materja, ladarba hawnhekk, il-korrezzjoni mitluba tittratta l-kunjom.

Illi saret referenza fir-rikors promotur ghal gurisprudenza fejn il-Qrati Taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' 'talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili', fejn gie ritenut li talba bhal din odjerna tista' tirnexxi mhux biss fuq il-bazi ta' zball izda anke fuq bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna. Illi fil-kaz **McLean gia Abdillah vs Cremona nomine** P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 1930 (Kollez. Vol:XXVII.ii.305), inghad:

*"Illi sewwasew minahbba li l-bdil fl-atti ta' stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridikau iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess ta' terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn." (Ara wkoll Jason* ***Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku****, P.A. (JRM) deciza fl-24 ta' Ottubru 2002).*

Relevanti wkoll hu l-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciz fil-21 ta' Marzu 2002), fejn inghad:

*"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita` tal-persuna hija stabbilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni*

*ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espresso tal-legislatur li jhalli li persuna zzid, matul hajjitha kunjom iehor ma' dak li titwieled bih.*[1] *F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bil-fors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta` li tkun tista' tiddeciedi hi.*

*Illi ghalhekk, talba sabiex tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siewi dwar il-persuna*."[2]

F'dik il-kawza c-cirkostanzi kienu li missier ir-rikorrent kien Ellul filwaqt li n-nanna paterna kellha l-kunjom 'Mercer' u l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala 'Ellul Mercer' kienet stabbilita ghal zmien twil. B'hekk biz-zieda mitluba minnu, r-rikorrent fir-realta' kien qed jaddotta l-kunjom patern dejjem fil-parametri konsentiti bil-Ligi.[3]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, gie sottomess, li ghalkemm, ma kien hemm l-ebda zball fir-registrazzjoni fl-att tat-twelid, izda hu sa minn ckunitu kien maghruf b'dan il-kunjom peress li l-genituri tieghu kienu maghrufin bil-kunjom "Bonello Ghio" hekk kif jidher mid-dokumenti esebiti. Semma wkoll, li fergha tal-familja tar-rikorrenti diga adottat il-kunjom "Bonello Ghio" hekk kif jidher mis-sentenza esebita.

Min-naha l-ohra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, gie sottolineat, li *stante* li l-kunjom "Ghio" hu kunjom xbubit in-

[1] Art. 4(3) tal-Kap 16.
[2] App. Civ. J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku deciz fit-2 ta' Marzu 1994.
[3] Ara wkoll **Harold Ellul Mercer et v id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA (JRM) - 5 ta' April 2001).

nanna paterna tar-rikorrent, ir-rikorrent ma jistax jaghzel li jadotta dan il-kunjom addizzjonalment mal-kunjom "Bonello". Gie sostnut ukoll, li skont l-artikolu 253(1) tal-Kap 16, korrezzjoni fil-kunjom jista' jsir biss jekk ikun hemm zball, u l-kaz in ezami ma jitrattax zball.

Jigi ritenut, li gew citati diversi kawzi fil-gurisprudenza nostrana fin-noti ta' sottomissjonijiet. Illi huwa minnu li diversi kawzi citati jikkoncernaw cirkostanzi kemmxejn differenti. L-aktar kaz simili huwa dak diga sucitat, **Leonard sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**. Inoltre`, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza diga sucitata, diga ntqal li gie ritenut recentement, li sabiex tirnexxi kawza, dan mhux necessarjament marbut ma' zball izda wkoll fuq taghrif aktar siewi tal-persuna. *Di piu`,* din il-Qorti diga kellha l-opportunita` tiddeciedi f'kawza ohra simili, **David Calleja Urry et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2016, fejn ir-rikorrent ried jadotta kunjom xbubit in-nanna paterna.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienu u huma maghrufin konsistentment bil-kunjom "Bonello Ghio", liema prova saret a sodisfazzjon tal-Qorti. Difatti, huwa pprova permezz ta' dokumenti li l-ġenituri tieghu kienu konsistentement maghrufa bhala "Bonello Ghio". Ghalhekk it-talba hija ammissibli.

Jigi osservat, li permezz ta' nota, r-rikorrenti indikaw li t-talba taghhom hija bbazata fuq l-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** (fol 146), u sussegwentement fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2016 gie sottolineat li *nonostante* dak sottolineat fin-nota a

fol 146 tal-process, t-talba odjerna hija ppernjata wkoll fuq l-**artikolu 253(1) tal-Kap 16**. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel mal-intimat, li din il-kawza ma tregix taht l-**artikolu 253(2) tal-Kap 16**, *stante* li dak is-subartikolu jitkellem specifikatament dwar "isem" u mhux kunjom, u dan is-subartikolu huwa wkoll limitat ghall-att tat-twelid. Izda, f'dan il-kuntest ta' min isemmi li l-artikolu 253(1) huwa intiz sabiex isiru dawk il-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' persuni li jwasslu biex b'hekk tigi rispekkjata l-identita` tal-persuna b'mod li dan ikun konformi mal-atti ta' registrazzjoni ta' dik il-persuna.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat li ma sar l-ebda zball jew ommissjoni da parti tal-istess intimat fir-registrazzjonijiet. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha, fejn tista' ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hu evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrenti, ghandha tipprocedi biex taghti l-ordni lill-intimat biex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk din l-eccezzjoni hija wkoll indirizzatat u sorvolata.

Referibbilment ghad-disa' eccezzjoni, taqbel mal-intimat, li biex ikun jista' jsehh il-bdil f'kull att iehor tal-istat civili, ir-rikorrenti jridu jindikaw in-numru u s-sena tal-att tal-istat

civili biex it-talba tkun konformi mal-**artikolu 253(3) tal-Kap 16**. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' din l-indikazzjoni, tilqa' d-disa' eccezzjoni u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ghaxar talba tar-rikorrenti.

## III <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Il-pubblikazzjoni ta' avviz fil-gazzetta tal-Gvern saret debitament skont il-ligi, ghalhekk l-ewwel talba hija sorvolata u tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna li l-att taz-zwieg tal-atturi li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 603/1993 fil-kolonni intestat 'isem u kunjom ir-ragel', kunjom ir-ragel jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello' filwaqt illi fit-tieni lok, fil-kolonna intestata 'genituri tal-mizzewgin', kunjom missier ir-ragel jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello' ;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-Att tat-Twelid tal-attur, Stefan Bonello, iskritt fir-Registru Pubbliku bin-numru 1387/1967 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Mark Bonello maghruf bhala Mark Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 2121/1995, fil-kolonna intestata

'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Alexia Bonello maghrufa bhala Alexia Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 934/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

6. Tilqa' s-sitt talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Bettina Bonello maghrufa bhala Bettina Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 933/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

7. Tilqa' s-seba talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Rebecca Bonello maghruf bhala Rebecca Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 932/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

8. Tilqa' t-tmien talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Luke Bonello maghrufa bhala Luke Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 935/1998, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

9. Tilqa' d-disa' talba u tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' Sofia Chaiara Bonello maghrufa bhala Sofia Chiara Bonello Ghio li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 3869/2015, fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija',

kunjom il-missier jigi ndikat bhala 'Bonello Ghio' minflok 'Bonello';

10. Rigward l-ghaxar talba tar-rikorrenti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-Ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Jannar 2017**